MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 331/2006

Air Malta p.l.c.
vs
CVB Services Limited

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors ta' Dr. Christopher Spiteri in rapprezentanza tas-socjeta` rikorrenti Air Malta p.l.c. li bih espona:

1. Illi nhar is-17 ta' Marzu, 2004 is-socjeta` rikorrenti Air Malta p.l.c. u Carmvic Buontempo f'isem is-socjeta` intimata CVB Service Limited kienu dehru fuq skrittura privata li fiha s-socjeta` intimata kienet irrikonoxxiet li kienet dovuta minnha lis-socjeta` rikorrenti s-somma totali ta' disgha' u tletin elf tliet mija u tmenin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm39,380.50) u kienet intrabtet li thallas din is-somma f'pagamenti rateali ta' kull xahar, skond skeda annessa mal-ftehim (Dok A).

2. Illi l-ammont imsemmi kien jirreferi in kwantu ghal Lm36,871.50 f'bilanc minn prezz ta' *seats* fuq titjiriet ta' l-Air Malta pprovduti lis-socjeta` intimata CVB Services Limited fuq talba taghha stess u in kwantu ghal Lm2,509 dovuti minn Mario Buontempo Tours Limited imma s-socjeta` intimata kienet accettat u wieghdet li thallas hi.

3. Illi CVB Services Limited kienet intrabtet ukoll li tidher fuq kuntratt notarili fejn tirrikonoxxi dan id-dejn u tiggarantixxi l-pagament permezz ta' ipoteka generali fuq il-proprjeta` taghha u ipoteka specjali fuq ir-residenza ta' Mario Buontempo u martu.

4. Illi cio` nonostante s-socjeta` intimata kienet baqghet qatt ma dehret fuq dan il-kuntratt notarili, u kienet ghamlet biss hames pagamenti ai termini tal-ftehim tas-17 ta' Marzu, 2004.

5. Illi difatti s-socjeta` intimata kellha taghti lis-socjeta` rikorrenti s-somma totali ta' erbgha u tletin elf disa' mija u tlieta u hamsin lira Maltin u sittin centezmu (Lm34,953.60) hekk kif spjegat fil-prospett esebit mar-rikors bhala Dok B u fl-*istatements of account* datati 20 ta' Marzu, 2006 u mmarkati bhala Dok C sa E.

6. Illi ghalkemm kienet giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammonti dovuti, is-socjeta` intimata ghadha sal-lum inadempjenti.

7. Illi kienu jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ai termini ta' l-artikolu 167 sa 170 tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta), stante li l-kreditu kien cert, likwidu u dovut u li fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti s-socjeta` intimata ma kellhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra l-hlas ta' l-imsemmi ammont.

Ghaldaqstant, is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti joghgobha tisma' u tiddeciedi skond it-talba bid-dispens tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili u:

(i) Tiddikjara li s-socjeta` intimata CVB Services Limited hija debitrici tal-kumpanija rikorrenti fis-somma totali ta' disgha u tletin elf tliet mija u tmenin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm39,380.50).

(ii) Tikkundanna lis-socjeta` intimata CVB Services Limited thallas lill-kumpanija rikorrenti l-imsemmija somma ta' disgha u tletin elf tliet mija u tmenin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm39,380.50).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv, kontra s-socjeta` intimata li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensur tas-socjeta` rikorrenti.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat li s-socjeta` intimata CVB Services Limited debitament notifikata skond il-ligi ma gietx prezentata risposta ghaliha, u ma deher hadd ghaliha fis-seduta tal-llum.

Xehed Dr. Christopher Spiteri li qal li mill-prezentata tar-rikors il-pozizzjoni baghet l-istess fis-sens li s-socjeta` intimata baqghet ma hallset xejn mill-ammonti hemmhekk mitluba.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti jidhru gustifikati u l-Qorti fuq kontumacja qedha tilqaghhom fis-sens li tiddikjara li s-socjeta` intimata CVB Services Limited hija debitrici tal-kumpanija rikorrenti fis-somma totali ta' Lm39,380.50. Tikkundanna lis-socjeta` intimata CVB

Services Limited thallas lill-kumpanija rikorrenti l-imsemmija somma ta' Lm39,380.50.

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------